MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 948/2013

**Rudolph maghruf bhala Rudy Sollars (bil-Karta tal-Identita` Numru 74067M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I.  PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Rudolph maghruf bhala Rudy Sollars (bil-Karta tal-Identita` Numru 7406) datat 3 ta’ Ottubru 2013, fejn bil-gurament tieghu jikkonferma:

Illi l-esponent twieled fl-4 ta' Settembru 1967 u gie msemmi u battezzat bl-isem 'Rudolph' (Certifikat tat-Twelid li jgib in-numru 740/1967 anness u mmarkat bhala Dok. 'A').

Illi pero` sa minn ftit qabel is-sena 2000 l-esponent dejjem kien maghruf bl-isem ‘Ruby’ u dan kif se jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-esponent ma jidentifikax ruhu mal-imsemmi 'Rudolph' li jhoss li huwa estraneu ghalih izda jidentifika ruhu bl-isem 'Rudy'.

Illi l-esponent mhuwiex mizzewweg u m'ghandux tfal.

Illi l-esponent irid jezercita d-dritt li huwa jemmen bis-shih li huwa ghandu bhala cittadin liberu biex ufficjalment jibdel l-isem tieghu minn 'Rudolph' ghal 'Rudy' u dan mhux biss ikun rifless fl-Att tat-Twelid tieghu izda anke f’dokumenti ufficjali bhal m'huma l-Karta tal-Identita' u l-Passaport.

Ghal dawn il-motivi l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha -:

1 Tordna l-korrezzjoni appozita fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent li jgib in-numru 740/1967 billi fil-kolonna fejn hemm indikat l-isem 'Rudolph' din il-kelma tigi kancellata u sostitwita bil-kelma 'Rudy'; u

2. Tordna wkoll li din il-korrezzjoni li ghandha ssir fl-att tat-twelid tigi riflessa wkoll f'kull att iehor relattiv ghall-istat civili tal-istess rikorrent.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta' Novembru 2013.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku datata 14 ta' Novembru 2013 (fol 12) fejn espona : -

1 Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2 Illi minghajr hsara ghas-suespost, ir-rikorrent ghandu jispecifika taht liema artikolu tal-ligi hu qieghed isejjes l-azzjoni tieghu halli b'hekk l-esponent jkun f'qaghda ahjar li jkun jista' jwiegeb. Kwindi f'dawn ic-cirkostanzi l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qieghed jirrizerva u jzomm shih id-dritt tieghu li jressaq eccezzjonijiet

ulterjuri jekk ikun il-kaz u dan wara li r-rikorrent jindika taht liema dispozizzjonijiet tal-ligi huwa qieghed jorbot l-proceduri istanti;

3 Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax mill-att tat-twelid li jgib in-numru ta' registrazzjoni 740 tas-sena 1967 li effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni li jista' jkun attribwit lill-esponent. Di fatti d-dikjarazzjoni fuq l-att tat-twelid tar-rikorrenti (anness u mmarkat Dok DRP 1) saret minn missier ir-rikorrenti stess u cioe' minn Claude Sollars, fejn iddikjara li d-dettalji mnizzla fuq l-istess att huma korretti, inkluzi l-ismijiet moghtija lir-rikorrent mill-ġenituri tieghu stess;

4 Illi bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talba u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5 Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti lili kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir ta’ l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-28 ta’ Novembru 2013 fejn Dr Maurizio Cordina ghall-intimat talab li jigi awtorizzat li jressaq eccezzjoni ulterjuri, fis-sens li l-isem Rudy huwa abbrevjazzjoni tal-isem Rudolph u skont il-ligi kif giet emendata din it-talba ma tistax tirnexxi. Il-Qorti laqghet it-talba peress li hija gustifikata ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u awtorizzatu jressaq l-eccezzjoni ulterjuri sad-differiment li jmiss bin-notifika tad-difensur tal-kontro parti.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 22 ta’ Jannar 2014 a fol 19 tal-process fejn espona: -

Illi din ir-riposta ulterjuri qieghda issir *ai termini* tal-verbal tat-28 ta' Novembru 2013 fejn din il-Onorabbli Qorti tat lill-esponent il-fakulta` li jressaq eccezzjoni ulterjuri u dan ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja;

Illi l-esponent jissottometti ulterjorment li f'dan il-kaz huwa evidenti li l-attur ghamel it-talba biex ikun hemm bidla/akkorcjament fl-isem tieghu *ai termini* tal-artikolu 253(2) tal-Kap 16. Il-kontestazzjoni ewlenija f'dan il-kaz hija li l-artikolu 253 (2) kif emendat jghid espressament li t-talba tal-appellat biex ikun hemm abbrevjazzjoni jew verzjoni imqassra tal-isem ma tistax issir. Tant hu hekk li l-artikolu 253(2) jghid is-segwenti:

*"Kull persuna tista' taghmel talba ghar-registrazzjoni ta’ l-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun uzat jew tkun uzat ghaliha l-familja taghha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejha, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv bhala l-isem jew l-*

*ismijiet moghtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha:*

*Izda, it-talba gudizzjarja msemmija f'dan is-subartikolu m'ghandhiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun uzat jew tkun uzat ghaliha l-familja taghha jkunu biss verzjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv."*

Illi l-esponent jirrileva li l-isem "Rudy" huwa biss verzjoni imqassra/abbrevjazzjoni tal-isem "Rudolph" u ghalhekk it-talbiet kif maghmula fir-rikors promotur m'ghandhomx jigu milqugha minn din l-Onorabbli Qorti iktar u iktar meta ghandna artikolu fil-ligi li jghid iswed fuq l-abjad li talbiet bhal dawn m'ghandhomx isiru;

Illi l-esponent jaghmel ukoll referenza ghal zewg sentenzi li inghataw mill-Qrati Maltin fuq materja simili u cioe' l-gudikat tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "***Nardu Balzan Imqareb vs. Direttur tar-Registru Pubbliku***" deciz fit-30 ta' Gunju 2004 u l-gudikat tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet ***"Stefania maghrufa bl-isem Steffi Vella Laurenti vs. Direttur tar-Registru Pubbliku"*** deciz fit-22 ta' Frar 2013.

Illi b'zieda ma' dan tajjeb li jinghad ukoll li t-talba gudizzjali ghal bdil jew korrezzjoni ta' isem hija intiza ghal skopijiet pubblici ossia biex tnehhi mill-imhuh tan-nies kull possibbilta' ta' konfuzjoni dwar l-identifikazzjoni ta' dik il-persuna. Kull min isejjah lill-attur bl-isem ta' "Rudy" zgur li mhux ser jithawwad jew ihossu skoncertat jekk isir jaf li l-veru isem tieghu huwa "Rudolph" u dan ghas-semplici raguni li "Rudy" hija l-verzjoni mqassra tal-isem "Rudolph";

Tant ghandu x'jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Jannar 2014 fejn Dr. Chris Cilia b’ referenza ghar-risposta tad-Direttur rigward jekk l-isem “Rudy” hija biss abbrevjazzjoni tal-isem “Rudolph” talab li jressaq prova biex juri li l-isem “Rudy” ghandha konnatazzjonijiet partikolari. Il-Qorti laqghet it-talba u ddifferixxiet l-kaz ghall-provi kollha tal-partijiet fuq dan il-punt specifiku ghall-11 ta’ Marzu 2014.

Rat in-nota tal-intimat datata 10 ta’ Marzu 2014 (fol 23) li permezz taghha pprezenta estratt minn tliet *websites* differenti fejn effettivament jirrizulta li l-isem “Rudy” huwa biss abbrevjazzjoni tal-isem “Rudolph”.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma fil-11 ta’ Marzu 2014 u tal-20 ta’ Mejju 2014 fejn fl-ahhar seduta meta ssejjah ir-rikors deher ir-rikorrent assistit minn Dr Chris Cilia, u Dr Maurizio Cordina ghad-Direttur Registru Pubbliku. Dr Cilia talab korrezzjoni fil-paragrafu 2 tar-rikors guramentat billi minflok il-kliem "matul hajtu kollha” jigi nserit il-kliem “sa minn ftit qabel is-sena 2000”. It-talba mhix opposta, u l-Qorti ordnat il-korrezzjoni kif mitluba fl-atti tal-kawza u l-intimat ta ruhu b’notifikat bir-rikors kif korrett. Xehed b'dikjarazzjoni solenni Rudolph maghruf bhara Rudy Sollars, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Id-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors. Ir-rikors giet diferit ghas-sentenza ghall-10 ta’ Lulju 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253(2)** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, ghall-korrezzjonijiet u ghar-reġistrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat ċivili meta tkun giet konsistentement imsejha b'dak l-isem jew ismijiet.

L-intimat oppona ghat-talba primarjament permezz ta' eccezzjoni sollevata f'risposta ulterjuri fejn invoka l-proviso ghall-artikolu 253(2) li jiddisponi hekk:

*"Iżda, t-talba ġudizzjarja msemmija f’dan is-subartikolu m’għandhiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha jkunu biss verżjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv."*

Qabel xejn il-Qorti ikkonstatat li l-pubblikazzjoni rikjesta *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

L-attur qed jitlob li minnflok l-isem *Rudolph* li hu l-isem battezimali tieghu kif ukoll dak imnizzel fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu, jitnizzel l-isem "*Rudy".*

L-intimat sostna li dan l-isem huwa abrevjazzjoni tal-isem *Rudolph* u esebixxa wkoll estratti minn tliet *websites* differenti minn fejn dan jirrizulta (fol 23-26). Minn dak esebit a fol 24 hemm imnizzel li *Rudy*

huwa d-diminuttiv fil-lingwa Ingliza tal-isem *Rudolph,* u hemm iccitati verzjonijiet differenti f'lingwi ohra rispettivi bhala Ruel/Ruud (Olandiz), Rudi (Tedesk), Ruedi (Tedesk/Svizzeru), Rudi (Ungeriz), u Rodolfito jew Fito (Spanjol).

L-attur jikkontendi li ghalih l-isem *Rudy* ghandu konnotazzjonijiet specjali. Fix-xhieda tieghu moghtija *viva voce* quddiem din il-Qorti spjega li hu jhaddan ir-religjon Buddista u bhala parti mir-rit spiritwali inghata isem bit-Tibetan li hu "Rudra Dorje Orgyen Jigmed". Xehed ukoll li hija l-uzanza fost it-Tibetani li meta l-isem ikun twil jaqtugh fil-qasir. Fil-kaz tieghu, l-abbrevjazzjoni tal-isem Tibetan hija *Rudy* jew *Rudi.*

Hu qal li ilu juza l-isem abbrevjat sa mis-sena 2000. Mistoqsi mill-Qorti ghaliex ma addottax l-isem shih Tibetan qal hekk:

*"Jiena hassejt l-iktar isem prattiku peress illi nghix f'kultura western li uzajt l-isem Rudy li jsejhuli huma u addottajtu ghall-kultura tal-West. Jigifieri nuzah bhala Rudy, ...."* Afferma li jidentifika ruhu izjed mal-isem *Rudy* u huwa maghruf fis-socjeta` u fuq ix-xoghol tieghu b'dan l-isem abbrevjat.

Ikkonsidrat li isem l-attur imnizzel fuq ic-certifikat mahrug mir-Registru Pubbliku huwa *Rudolph.* L-attur qal li ghandu ic-cittadinanza doppja, Malti u Ingliza u wera estratt tal-passaport Ingliz tieghu lil din il-Qorti fejn ismu huwa mnizzel bhala Rudolph Sollars (Passaport tar-Renju Unit) u hemm ukoll imnizzel annotazzjoni li "*the holder also known as Rudy Sollars."*

Ikkonsidrat li l-proviso ghall-artikolu 253(2) huwa car fit-tifsira tieghu u jiddisponi li talba simili ghal dik odjerna mhix ammissibbli fejn l-isem li bih

r-rikorrent huwa maghruf huwa biss verzjoni mqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet registrati fuq l-att tat-twelid.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz fl-ismijiet *"**Nardu Balzan Imqareb v Direttur tar-Registru Pubbliku**"* (PAPS - dec. fit-30 ta' Gunju 2004) b'riferenza ghat-talba attrici f'dik il-kawza ghat-tibdil mill-isem *Leonardo* ghal *Nardu* : "*Finalment kwantu ghat-talba ghat-tibdil fl-isem minn "Leonardo" ghal "Nardu" din il-Qorti, bir-rispett, ma tarax is-serjeta` ta' talba bhal din billi, kif tajjeb gie eccepit mill-konvenut, l-isem pretiz mill-attur mhu xejn hlief abbrevjament ta' l-isem "Leonardo" u ghalhekk l-ebda korrezzjoni ma hi strettament mehtiega."*

F'sentenza aktar recenti moghtija mill-On. Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"*Stefania maghrufa bl-isem Steffi Vella Laurenti v. Direttur tar-Registru Pubbliku*"** (dec. fit-30 ta' Gunju 2004) dik il-Qorti cahhdet it-talba attrici sabiex l-isem *Steffi* jigi registrat fuq l-att tat-twelid taghha minflok l-isem hemm imnizzel *Stefania* billi ma rrizultax li dawn l-ismijiet huma distinti. Il-Qorti irriteniet li : "*Korrezzjoni ssir, kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti, mhux biss meta hemm zball fl-isem kif indikat fl-att ta' twelid, izda wkoll meta, tul iz-zmien, ikun hemm bidla fl-isem kif registrat. F'dan il-kaz, pero`, ma hemmx "bidla", izda tqassir tal-istess isem, forsi ghall-konvenjenza. Kwindi l-korrezzjoni mitluba ma tistax tintlaqa'*."

Ikkonsidrat li l-attur stess qal li qed juza l-isem *Rudy* bhala abbrevjazzjoni u mhuwiex qed juza l-isem Tibetan twil li inghata ghar-ragunijiet minnu spjegati ta' konvenjenza.

Ikkonsidrat li ghalhekk l-attur mhu qed ibiddel xejn fl-isem kif registrat ghaliex hija soddisfatta li l-isem *Rudy* hija abbrevjazzjoni ta' *Rudolph* u

hija din il-verzjoni imqassra li hija meqjusa mill-attur bhala ismu minghajr ma jqis l-isem twil Tibetan.

Ghaldaqstant ma hemmx lok ghall-bidla fir-registrazzjoni tal-isem u fid-dawl tal-premess il-Qorti jidhrilha li t-talbiet attrici m'ghandhomx jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-Intimat Direttur tar-Registru Pubbliku **tichad** it-talbiet attrici.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------